

# It-titjib tal-OSH permezz tal- ktajjen tal-provvista: inizjattivi bbażati fuq is-suq fl-industrija agroalimentari u dik tal- kostruzzjoni

## Sommarju

Sommarju - It-titjib tal-OSH permezz tal-ktajjen tal-provvista: inizjattivi bbażati fuq is-suq fl-industrija agroalimentari u dik tal-kostruzzjoni

Awturi: Peter Hasle and Wanja Öhler - *L-Università tad-Danimarka tan-Nofsinhar*.

Mark Paġell - *University College Dublin*.

Uhrenholdt Madsen u Hans Jørgen Limborg - *TeamWorklife, id-Danimarka*.

Ramioul, Karolien Lenaerts u Vincent Dupont - *KU Leuven*.

Ġestjoni tal-Proġetti: Dietmar Elsler, Annick Starren, Lothar Lieck - L- Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Dan is-sommarju ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluż kwalunkwe opinjoni u/jew konklużjoni espressi, huma dawk tal-awturi biss u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet tal-EU-OSHA.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

La l-aġenzija Ewropea u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Dan is-sommarju jippreżenta r-riżultati ta' analiżi tal-letteratura mwettqa bħala parti minn proġett dwar l-ingranaġġ tas-suq tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) fil-ktajjen tal-provvista (Lift-OSH<sup>1</sup>) fuq talba mill- Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Riċerkaturi minn konsorzju ta' sitt organizzazzjonijiet ta' riċerka f'ħames pajjiżi Ewropej huma responsabbli mill-analiżi.

L-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi amplifikaw l-importanza tal-espansjoni tan-networks tal-fornituri ta' kumpaniji Ewropej. Dawn l-iżviluppi huma dejjem aktar sinifikanti għall-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; evolwew firxa wiesgħa ta' inizjattivi u strumenti pubbliċi u privati, bil-għan li jkun hemm kontroll tal-OSH fil-katina tal-provvista. Din l-analiżi tiffoka fuq prattiki u strumenti ta' ingranaġġ ibbażati fuq is-suq li jistgħu jgħinu biex itejbu l-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Aħna niddefinixxu l-ingranaġġ tas-suq bħala **strumenti u prattiki applikati fir-relazzjonijiet bejn ix-xerrej u l-fornitur permezz ta' sinjali tas-suq, li jinkoraġġixxu mgħiba speċifika**. Din l-analiżi tippreżenta l-għarfien disponibbli dwar l-applikazzjoni ta' strumenti u prattiki ta' ingranaġġ tas-suq f'żewġ setturi Ewropej ewlenin: is-settur agroalimentari u dak tal-kostruzzjoni.

### Tipi ta' prattiki ta' ingranaġġ tal-katina tal-provvista

B'mod ġenerali, hemm żewġ forom ta' prattika ta' ingranaġġ:

- **Governanza kuntrattwali**, id-diversi forom ta' sejħiet għall-offerti u kuntrattar formali kif ukoll l-awditjar u l-monitoraġġ formali tal-proċessi tax-xogħol u l-prestazzjoni attwali tal-fornituri;
- **Governanza relazzjonali**, id-diversi forom ta' involviment informali bejn ix-xerrejja, il-fornituri u l-impjegati tagħhom, bil-għan li tiżdied il-kompetenza jew il-kwalità ta' proċessi speċifiċi kif ukoll it-titjib tal-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Ħafna drabi dawn it-tnejn ikunu integrati fir-relazzjonijiet ta' provvista, u jidhru bħala forma ta' **governanza ibrida**.

Il-forom konkreti ta' prattiki ta' ingranaġġ jiġu influwenzati aktar mill-ambjent istituzzjonali u mis-suq li fih jinsabu l-kumpaniji involuti. Tali aspetti kuntestwali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- leġiżlazzjoni u regolamentazzjoni nazzjonali relatati mal-ktajjen tal-provvista (pereżempju, ir-responsabbiltà tax-xerrej jew tal-kuntrattur ewlieni għall-fornituri u s-sottokuntratturi, u r-rekwiżiti għad-diliġenza dovuta jew ir-rappurtar pubbliku);
- leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni u linji gwida internazzjonali (pereżempju, id-direttivi tal-Unjoni Ewropea (UE), in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u standards u konvenzjonijiet internazzjonali oħra, u l-monitoraġġ pubbliku ta' tali indiċijiet ta' sostenibbiltà);
- ftehimiet kollettivi (pereżempju, ir-regolamentazzjoni ta' kundizzjonijiet għal xogħol prekarju);
- pressjoni pubblika (pereżempju, il-midja u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs));
- mhux l-inqas, il-kuntest tas-setturi speċifiċi (attributi fiżiċi distinti, struttura tas-suq u normi istituzzjonali).

### Strumenti ta' ingranaġġ fis-settur agroalimentari

Is-settur agroalimentari jinkludi produtturi primarji, proċessuri, distributuri u bejjiegħa bl-imnut. Barra minn hekk, in-negozjanti, is-sensara u l-kuntratturi tax-xogħol għandhom rwoli importanti fl-istruttura tan-negozju tas-settur, minkejja li ma jiġġestux il-prodotti direttament. Il-kundizzjonijiet tal-OSH huma kkaratterizzati mill-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin:

- **Biedja u sajd**: tqal bħal pestiċidi u solventi organiċi, aġenti bijoloġiċi u jiem twal ta' xogħol b'irfigħ li jagħmel ħsara lis-saħħa, riskju għoli ta' inċidenti, listi ta' sustanzi perikolużi. Barra minn hekk, l-użu mifrux ta' ħaddiema staġonali jżid ir-riskji relatati ma' xogħol prekarju.
- **Proċessuri**: xogħol ripetittiv, qagħdiet tax-xogħol restrittivi, irfigħ ta' oġġetti tqal u riskju għoli ta' inċidenti.

<sup>1</sup> Strumenti ta' Ingranaġġ għas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

- **Distributori:** ħinijiet tax-xogħol atipiċi u irfigħ ta' oġġetti tqal. It-teknoloġija qed tgħin biex jitnaqqsu dawn ir-riskji, iżda spiss tinvolvi żieda f'xogħol ripetittiv u veloċità għolja fuq ix-xogħol fl-imballaġġ. Barra minn hekk, tfaċċaw problemi ġodda, b'ħas-sorveljanza stretta tal-ħaddiema.
- **Bejjiegħa bl-immnut:** inċidenti, irfigħ ta' oġġetti tqal, xogħol ripetittiv, sigħat twal ta' xogħol u riskji psikosoċjali għoljin ikkawżati minn pressjoni għolja, stress u monotonija (speċjalment fil-lukandi u fir-ristoranti).

Is-settur huwa soġġett għal regolamentazzjoni estensiva, b'mod partikolari rigward is-sigurtà fl-ikel tal-konsumatur u fl-ambjent. Hemm ħafna sħubiji ta' diversi partijiet ikkonċernati assoċjati ma' dawn il-kwistjonijiet li jinfluwenzaw ir-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista. Ir-regolamentazzjoni tal-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol hija inqas estensiva, iżda l-letteratura tiddekrivi diversi Prattiki ta' Ingranaġġ kuntrattwali li jinfluwenzaw l-OSH:

- **Prattiki ta' akkwist sostenibbli.** Dawn ħafna drabi jinbdew f'oqsma oħra għajr l-OSH b'ħas-sigurtà fl-ikel, il-klima jew l-ambjent, iżda dejjem aktar, is-sostenibbiltà soċjali inkluża l-OSH għall-ħaddiema qed tiġi koperta wkoll minn Prattiki ta' akkwist, speċjalment fil-forma tal-Kodiċi ta' Kondotta tax-Xerrej, li x-xerrejja jirrikjedu li l-fornituri jsegwu. Ir-riżultat ta' dan l-iżvilupp huwa li x-xerrejja qed jikkunsidraw is-sostenibbiltà bħala fattur fid-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom flimkien ma' fatturi abitwali bħall-prezz, il-kwalità u l-konsenja. F'termini konkreti, il-Prattiki ta' xiri sostenibbli normalment jinkludu diversi strumenti (bħal ċertifikazzjonijiet, kwestjonarji, valutazzjonijiet tal-fornituri u awditi) biex titkejjel il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-fornitur potenzjali.
- **Skemi ta' awditjar u ċertifikazzjoni** mmirati speċifikament lejn is-settur agroalimentari. Dawn jistabbilixxu standard li jiffirma l-bażi għaċ-ċertifikazzjoni u skema ta' verifika ta' parti terza. Dawn jibnu fuq konvenzjonijiet internazzjonali bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGP), il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Iliġijiet nazzjonali. Dawn huma kkonċernati b'suġġetti bħat-tħaddim tat-tfal, ix-xogħol furzat, id-diskriminazzjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għal negozjar kollettiv u l-OSH. Uħud mill-iskemi l-aktar komuni huma:
  - l-Inizjattiva ta' Konformità Soċjali tan-Negozju ta' Amfori (BSCI);
  - il-Prattiki tal-Agrikoltura Tajba Globali (GlobalGAP), li l-fergħa tagħhom għall-konformità soċjali hija l-Valutazzjoni tar-Riskju dwar il-Prattiki Soċjali (GRASP);
  - Responsabbiltà Soċjali 8000 (is-SA8000);
  - standard speċjali tal-awditjar żviluppat mill-Iskambju ta' Data Etika tal-Fornitur (SEDEX), magħruf bħala l-Awditu tal-Kummerċ Etiku tal-Membri tas-SEDEX (SMETA).

Fis-settur agroalimentari jipprevalu diversi Prattiki ta' Governanza relazzjonali. Ħafna jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' relazzjonijiet personali u kultura bbażata fuq il-fiduċja, li huma kkunsidrati importanti għar-relazzjonijiet kif ukoll l-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Bis-saħħa ta' livell għoli ta' fiduċja, il-fornituri huma inqas probabbli li jaħbu l-isfidi u r-riskji u aktar probabbli li jikkooperaw max-xerrejja biex isolvu l-problemi. Il-Prattiki l-aktar prevalenti jinkludu:

- **Appoġġ lill-fornituri.** Relazzjonijiet ta' appoġġ mal-fornituri aktar 'il fuq fil-ktajjen tal-provvista (pereżempju, minn proċessuri akbar għall-bdiewa) jistgħu jieħdu l-forma ta' pagamenti antiċipati u appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku. Dawn ir-relazzjonijiet jinstabu li jtejbju l-Prattiki ta' sostenibbiltà tal-fornituri.
- **Żjarat u djalogu.** Dawn jistgħu jintużaw biex jiġi żviluppat fehim reċiproku bejn ix-xerrejja u l-fornituri kif ukoll biex jitnaqqsu l-inċertezzi għall-fornituri u x-xerrejja li jfittxu li jippromwovu l-prijoritajiet ta' sostenibbiltà soċjali.
- **Żvilupp tal-fornituri.** Prattiki bħal workshops ta' sensibilizzazzjoni jew korsijiet ta' taħriġ immirati lejn il-fornituri u s-sottofornituri, biex iżidu l-għarfien u/jew il-kompetenza tagħhom biex jaġixxu b'mod sostenibbli.

## Strumenti ta' ingranaġġ fis-settur tal-kostruzzjoni

L-istruttura tan-negozju fis-settur tal-kostruzzjoni tinvolvi lill-klijent, lill-kuntrattur ewlieni, lil diversi sottokuntratturi, lill-manifatturi ta' materjali tal-kostruzzjoni, lill-aġenziji tax-xogħol, lill-konsulenti tal-inġinerija, lid-ditti arkitettoniċi u lil ħafna atturi oħra. Is-settur huwa kkaratterizzat mill-atturi ewlenin tal-katina tal-provvista li jaħdmu simultanjament fuq l-istess sit ta' kostruzzjoni, li għal darb' oħra jwassal għal kumplessità akbar f'termini ta' governanza tal-katina tal-provvista u l-użu ta' strumenti ta' ingranaġġ.

Il-kwistjonijiet ewlenin tal-OSH fis-settur tal-kostruzzjoni huma:

- **Riskju għoli ta' inċidenti.** Is-settur għandu waħda mill-ogħla okkorrenzi ta' inċidenti fatali u mhux fatali.
- **Disturbi muskuloskeletalni (MSDs).** Il-kostruzzjoni hija waħda mit-tliet setturi li fihom il-ħaddiema huma l-aktar probabbli li jirrapportaw l-MSDs.
- **Xogħol prekarju.** Is-settur jiddependi ħafna fuq ix-xogħol tal-migranti, u l-ħaddiema migranti spiss ikunu f'pożizzjonijiet prekarji b'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena.

Fis-settur tal-kostruzzjoni, aħna sibna l-eżempji li ġejjin ta' strumenti ta' ingranaġġ kuntrattwali:

- **Offerti u kuntrattar.** Il-klijenti jagħżlu l-kuntratturi u s-sottokuntratturi ewlenin skont il-kapaċitajiet, il-kompetenza u r-rekord tal-OSH tagħhom inklużi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) dwar kwistjonijiet bħat-taħriġ dwar is-sigurtà, l-istatistika dwar l-inċidenti u r-rekords tal-valutazzjoni.
- **Monitoraġġ u awditjar.** Il-kuntratturi spiss ikunu marbuta kuntrattwalment biex jiġu awditjati minn rappreżentanti mill-organizzazzjoni tal-klijenti, jew li jistabbilixxu diversi forom ta' sistemi ta' monitoraġġ biex jiddokumentaw il-prestazzjoni tas-sigurtà.
- **Rappreżentanti tal-klijenti jew tal-kuntratturi ewlenin fuq siti tal-bini.** Il-klijenti professjonali jew il-persunal tal-OSH tal-kuntrattur ewlieni jiġu stazzjonati b'mod permanenti fis-siti tal-bini biex jassistu fl-isforzi ta' sigurtà u jiżguraw li tiġi ssodisfata n-nota tas-sigurtà tal-klijent.

L-iskemi ta' verifika u ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi huma:

- **Ċertifikati ta' ġestjoni tal-OSH.** Ħafna kuntratturi għandhom iċ-ċertifikazzjoni ISO 45001/OHSAS 18001 biex jagħtu prova tal-kapaċità tas-sistema ta' ġestjoni tal-OSH. Madankollu, ma kienx possibbli li jiġi identifikat xi studju speċifiku ta' dawn iċ-ċertifikati fil-kostruzzjoni.
- **Inizjattivi volontarji nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar.** Jeżistu bosta awditi u ċertifikazzjonijiet immirati lejn il-kumpaniji tal-kostruzzjoni fil-pajjiżi Ewropej (pereżempju, il-Lista ta' Kontroll tas-sigurtà għall-Kuntratturi (Veiligheid Checklist Aannemers jew VCA) fil-Belġju u fin-Netherlands, u l-Kuntratturi taċ-Ċertifikat tas-Sikurezza (Sicherheits-Ċertifikat-Contractoren jew SCC) fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fl-Iżvizzera).
- **Passaporti ta' sigurtà.** Huma biss il-ħaddiema bil-kompetenza ddokumentata meħtieġa tal-OSH li jistgħu jaċċessaw is-siti tax-xogħol. Ħafna drabi, dawn il-passaporti individwali tas-sigurtà jiġu inkorporati fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni u awditjar iċċentrati fuq il-kumpanija.

Il-prattiki relazzjonali fil-kostruzzjoni huma ffokati fuq l-iżvilupp ta' kultura bbażata fuq il-fiduċja. Il-fiduċja bejn il-kuntratturi u l-klijenti hija importanti għall-għażla ta' mekkaniżmi ta' ingranaġġ u l-probabbiltà tas-suċċess tagħhom. Il-fiduċja tista' tintilef fi proġetti kumplessi fuq skala kbira jew meta l-atturi fir-relazzjoni mal-fornitur ma jkunux ikkooperaw qabel. Fatturi li għandhom it-tendenza li jiżidu l-fiduċja jinkludu kumpaniji li jikkondividu viċinanza ġeografika mill-qrib, u l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn individwi ewlenin f'kull attur fil-provvista. L-iżvilupp tal-fiduċja jista' jiffaċilita kultura ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien, li hija mod effiċjenti biex jiżied l-għarfien dwar is-sigurtà u s-saħħa fil-katina tal-provvista. Eżempji ta' Prattiki ta' ingranaġġ relazzjonali fis-settur tal-kostruzzjoni jinkludu:

- **Żvilupp tal-fornituri.** Diversi forom ta' attivitajiet ta' żvilupp tal-fornituri huma effiċjenti fl-iżvilupp tal-kompetenza tal-OSH tal-fornituri. Eżempji huma workshops, programmi ta' sensibilizzazzjoni u korsijiet ta' taħriġ. Ir-riċerka turi li l-attivitajiet ta' dan it-tip jistgħu jrawmu l-fiduċja bejn l-atturi fil-katina tal-provvista.

- **Riżorsi professjonali.** Ir-riċerka turi li l-kumpaniji b'aktar professjonisti tal-OSH ikunu aħjar fil-ġestjoni u t-trasferiment tal-għarfien dwar l-OSH lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi.
- **Komunikazzjoni trasparenti.** Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-progress tal-kostruzzjoni u l-kompiti kontinwi f'workshops konġunti bejn il-kuntratturi u s-sottokuntratturi.

### Indikaturi ta' politika

Ir-riċerka fl-ingranaġġ tas-suq tal-OSH fil-katina tal-provvista agroalimentari u tal-kostruzzjoni hija skarsa, u tillimita l-potenzjal li jiġu identifikati indikaturi ta' politika bbażati fuq l-evidenza. Madankollu, hemm lok għal xi suġġerimenti:

1. Il-prijoritizzazzjoni tas-sostenibbiltà soċjali inkluż l-OHS bħala element sistematiku fl-akkwist u fis-sejnhiet għall-offerti qed tikber; dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra jistgħu jappoġġaw dan l-iżvilupp billi:
  - l-integrazzjoni tar-rekwiżiti tal-OSH u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-akkwist minn atturi tas-settur pubbliku;
  - l-iżvilupp ta' standards u linji gwida għall-akkwist b'OSH integrata li għandhom jiġu applikati fuq skala usa' fis-settur privat ukoll, u b'hekk tespandi l-applikazzjoni u toħloq bażi aktar ġusta għall-kompetizzjoni;
  - l-iżvilupp ta' kriterji kompluti u fattibbli għat-temi tal-OSH fl-akkwist u fis-sejnhiet għall-offerti, inklużi l-kriterji tal-proċess u tar-riżultat.
2. Teżisti varjetà wiesgħa ta' standards fiż-żewġ setturi: il-fornituri u s-sottokuntratturi spiss ikollhom jikkonformaw ma' bosta standards koeżistenti simultanjament, u dan jirriżulta f'għeja tal-awditjar. Għalhekk hemm bżonn li dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati:
  - jgħaqqdu l-istandards eżistenti jew jiżviluppaw standard ġdid li jinkludi s-sistemi differenti, sabiex il-fornituri u s-sottokuntratturi jkollhom jikkonformaw biss ma' standard wieheġ;
  - jagħmlu l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u ta' awditjar trasparenti, biex jippermettu lill-partijiet ikkonċernati u lill-konsumaturi finali jiksbu għarfien dwar l-eżiti u b'hekk jagħmlu għażliet infurmati fix-xiri tagħhom ta' oġġetti u servizzi.
3. Il-governanza relazzjonali hija suġġett ġdid ta' interess, b'evidenza limitata għal prattiki speċifiċi; madankollu, huwa evidenti li relazzjonijiet ta' fiduċja u trattament ġust jappoġġaw OSH u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jappoġġaw dan l-iżvilupp billi:
  - l-iżvilupp ta' linji gwida għal prattiki ta' akkwist relazzjonali ta' kuljum fejn diġà jeżistu eżempji fis-settur agroalimentari;
  - l-iżvilupp ta' skemi ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-akkwist dwar is-sostenibbiltà soċjali, peress li għandhom kuntatt ta' kuljum mal-fornituri.
4. Riżultat ewlieni tal-analiżi jenfasizza r-riċerka limitata fl-ingranaġġ tas-suq tal-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-ktajjen tal-provvista minn naħa, u l-eżempji promettenti ta' miżuri eżistenti li jagħtu prijorità lill-OSH fir-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista, min-naħa l-oħra. Għalhekk hemm bżonn li dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati:
  - Jagħtu bidu għal riċerka ulterjuri tal-ingranaġġ tas-suq tal-OSH fil-ktajjen tal-provvista. Ir-riċerka għandha tkopri studji kwantitattivi tal-effetti fuq l-OSH u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ingranaġġ tas-suq kif ukoll studji ta' każijiet kwalitattivi tal-mekkaniżmi, li juru kif jaħdmu l-varjetà wiesgħa ta' strumenti u prattiki.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-sigurtà u s-saħħa u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12

48003 Bilbao, Espagne

Email: [information@osha.europa.eu](mailto:information@osha.europa.eu)

<https://osha.europa.eu>